MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KATJA PSAILA SAVONA**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2013

Talba Numru. 269/2013

**Longbow Limited (C-3666)**
**Vs**
**MK Leisure Limited (C-36713)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta’ konvenuta hija debitrici tas-socjeta attrici ghas-somma ta’ €1,209.75 oltre l-imghax legali rapprezentanti ammont dovut ghall-prodotti mibjugha u kkonsenjati lis-socjeta’ konvenuta, liema prodotti ghadhom ma thallsux u dan skont il-fattura hawn annessa u mmarkata Dok A.

Illi dan id-dejn huwa cert likwidu u dovut.

Illi minkejja diversi interpellazzjonijiet ghall-hlas inkluz l-ispedizzjoni ta’ ittra ufficjali numru 725/2013 is-socjeta’ konvenuta xorta wahda baqghet inadempjenti.

Ghaldaqstant is-socjeta esponenti qeghda titlob lil dan l-Onorabbli Tribunal joghgbu prevja kwalsijasi dikjarazzjoni li jidhirlu xierqa u opportunea jiddikjara illi s-socjeta' intimata hija debitrici tas-socjeta' esponenti ghas-somma ta' €1209.75 u jordna lis-socjeta' intimata thallas lis-socjeta' attrici l-imsemmija somma ta' €1209.75 oltre l-imghax legali.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru 736/2013 kontra s-socjeta' intimate li minn issa qeghda tigi ngunta in subizzjoni.

Ra mill-atti li s-socjeta' konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notifikata u lanqas ma deher ir-rapprezentant ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fl-24 ta' Gunju, 2013 mill-Avukat D. Buttigieg u l-fatt li rapprezentant tas-socjeta' konvenuta naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi It-Tribunal jidhirlu li l-konvenuta naqset milli tipprova il-kaz taghha quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici fl-ammont t' elf mitejn u disa' ewro u hamsa u sebghin centezmu (€1209.75) u dan bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------